MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2012

Numru. 1283/2012

**Il-Pulizija**

**(Spt Carol Fabri)**

**(Spt Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Genesia Randich**

**Id No 38286(M)**

**Illum 19 ta' Dicembru 2012**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Genesia Randich** ta' 26 sena, bint Anthony u Virginia *nee'* Scicluna, mwielda Zabbar fit-2 ta' Jannar, 1986, residenti 'Lil Adam', Flat 5, Triq il-Miklem Malti, M'Skala u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 38286(M);

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

1. Talli bejn l-14 u s-17 ta' Novembru 2012, minn gewwa l-fond Bienvenue, Triq Joseph M. Barbara Marsaxlokk, ikkommettejt serq ta' zewg cilindri tal-gas ghad-detriment ta' Celestino Mifsud u\jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok;

2. Talli bejn is-16 u t-22 ta' Novembru 2012, minn gewwa l-fond 1, Aphrodite, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk, ikkommettejt serq ta' zewg cilindri tal-gas ghad-detriment ta' Justine Vella u\jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-lok;

3. Talli bejn il-21 u l-24 ta' Novembru 2012, minn gewwa l-fond Ghabex, Sqaq l-Imtamar, Triq il-Patrijiet Terezjani, Marsaxlokk, ikkommettejt

serq ta’ zewg cilindri tal-gas ghad-detriment ta’ Mario Attard u\jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

4. Talli bejn it-22 u l-25 ta’ Novembru 2012, minn gewwa l-fond 1, Triq Dun Pietru Farrugia, Gudja, ikkommettejt serq ta’ zewg cilindri tal-gas ghad-detriment ta’ Charles Martin Crouchen u\jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok;

5. Talli nhar is-26 ta’ Novembru 2012, ghall-habta tal-10 ta’ filghodu minn gewwa l-fond 43, Villa Erdelamer, Triq Il-Batterija Taz-Zonqor Marsaskala ikkommettejt serq ta’ hames cilindri tal-gas ghad-detriment ta’ Raymond Camilleri u\jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-lok;

6. Talli matul ix-xahar ta’ Novembru 2012 soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni **IBC-062** minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta taht il-kategorija ghall-imsemmija vettura;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Il-Qorti semghet lill-Probation Officer Rona Custo';

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 7 tal-Kap 446;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata u d-dispozizzjoni taghha li taghmel il-Programm;

Il-Qorti, ghalhekk in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputata, issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha u fic-cirkostanzi tordna li a tenur ta' l-artikolu 7 tal-kap 446 tohrogilha ordni tal-probation bil-kundizzjonijiet inkluzi fl-ordni li qed tigi mahruga kontestwalment ma' tali decizjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------